MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1458/2003

**Elmo Insurance Agency Limited, bhala rappresentanti tas-socjeta' estera Royal & Sun Alliance Insurance Plc, surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Anthony Busuttil u l-istess Anthony Busuttil**

**Vs**

**Clifton Charles Manicolo**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm514.40c (hames mija u erbatax-il lira Maltin u erbghin centezmu) rappresentanti danni sofferti f'incident awtomobilistiku li gara l-Marsa fis-27 ta' Marzu 2003, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru KAL 023 habat mal-vettura numru BAB 993, propjeta' tal-attur Anthony Busuttil u misjuqa minn Neville Camilleri, ghal liema incident il-konvenut kien unikament responsabbli

minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre l-imsemmija danni, l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tat-23 ta' Gunju 2003 u dawk tal-ittra ufficjali (b'notifika wahda) presentata kontestwalment ma' l-Avviz ghan-notifika tal-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta u l-imghax legali b'effett mit-23 ta' Gunju 2003 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra l-kapitolu tas-socjeta' attrici;

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------